**12 ta' April, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Avukat Dr. Lawrence Pullicino

*versus*

Kap Kmandant tal-Forzi Armati *et*

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Rikors – Proċedura – Nullità – Libertà Personali – Libertà Proviżorja – Smigħ Xieraq – Żmien Raġonevoli – Omiċidju Volontarju**

*Ir-rikorrent allega li d-detenzjoni tiegħu pendenti l-ġuri kienet tikser id-drittijiet fundamentali tiegħu għal-libertà personali u għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat billi ddikjarat li l-provvediment ta' l-artikolu 575(1) tal-Kodiċi Kriminali jilledi d-drittijiet tar-rikorrent kif protetti mill-artikoli 5(1)(ċ) u 5(3) ta' l-ewwel skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987.*

*L-appellat kien issolleva l-kwistjoni tan-nullità tal-proċeduri billi dawn ma kinux saru wara ordni ta' riferenza tar-rikorrent. Il-Qorti rriteniet li tali proċedura kienet valida billi l-Qorti tal-Maġistrati kienet irriteniet li ma kellhiex kwistjoni kostituzzjonali quddiemha.*

*Il-Qorti rriteniet li l-artikolu 575(1) tal-Kodiċi Kriminali li kien jippriva lill-Qorti mid-diskrezzjoni fl-għoti tal-libertà proviżorja fejn l-arrestat ikun akkużat bir-reat ta' omiċidju volontarju jilledi d-dritt għal-libertà personali kif garantit mill-artikoli 5(1)(ċ) u 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors Kostituzzjonali Numru 190/88 ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih ir-rikorrent fisser:

"Illi r-rikorrent ġie mressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta akkużat talli d-29 u 30 ta' Lulju, 1980, fid-Depot tal-Pulizija, Furjana, filwaqt li Leonard *sive* Nardu Debono minn Ħal-Kirkop kien qiegħed jinżamm taħt il-kustodja tal-pulizija in konnessjoni ma' investigazzjoni, dolożament bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' l-imsemmi Leonard *sive* Nardu Debono f'perikolu ċar, ikkaġunalu l-mewt kif ukoll talli f'Marzu 1984 fix-xiehda li ta fil-proċedura kriminali fil-proċess "Repubblika *vs* Ċensu Debono" deċiż fit-22 ta' Marzu, 1984 ta' xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar delitt suġġett għal piena akbar mill-

piena ta' proċedura għal żmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna akkużata, ċjoè Vincent *sive* Ċensu Debono, b'dan illi l-persuna akkużata ġiet ikkundannata għal piena akbar mill-piena tal-priġunerija għal żmien ħames snin, kif ukoll talli fl-istess imsemmija proċeduri Kriminali fil-proċess Repubblika *vs* Vincent *sive* Ċensu Debono kkorrompa xhieda sabiex jagħtu xieħda falza jew jagħmlu perizja falza jew jagħtu tifsir falz, kif ukoll talli fil-perijodu Lulju/Awissu 1980 ma ħalliex lill-persuni oħra jagħtu t-tagħrif jew provi meħtieġa f'kawża Ċivili jew Kriminali jew lil xi awtorità oħra kompetenti quddiemha u b'dan ukoll li dawn ir-reati saru meta bħala uffiċjal jew impjegat Pubbliku sar ħati ta' dawn ir-reati li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi u dan bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku dolożament bi ksur tad-dmirijiet tiegħu, għamel jew naqas li jagħmel atti b'tagħkis jew bi ħsara ta' ħaddieħor u wara dan baqa' miżmum taħt arrest;

Illi wara li ġie hekk imressaq l-esponent talab b'rikors opportun il-libertà proviżorja fit-termini tal-liġi u dana b'rikors tal-25 ta' Novembru, 1987, li ġie miċħud mill-fuq imsemmija Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija ta' Malta b'digriet tagħha tat-2 ta' Diċembru, 1987;

Illi b'rikors sussegwenti tat-13 ta' Jannar, 1988, ir-rikorrent reġa' talab li jingħata l-libertà proviżorja mill-fuq imsemmija Onorabbli Qorti u dan ir-rikors tiegħu reġa' ġie wkoll miċħud b'digriet ta' l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tal-21 ta' Jannar, 1988;

Illi b'digriet tal-15 ta' Frar, 1988 rriservat li tipprovdi dwar l-ennesima talba għal-libertà proviżorja wara li tkun ġiet addita

u ppronunzjat ruħha dina l-*Onorabbli* Qorti;

Illi sal-lum ir-rikorrent għadu detenut taħt arrest sa kemm jispiċċaw il-proċeduri kriminali pendenti kontra tiegħu;

*Illi dan* l-istat *ta'* arrest huwa leżiv tad-drittijiet kostituzzjonali u b'mod partikolari ta' dawk id-drittijiet fundamentali protetti mill-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet fundamentali tal-Bniedem l-Att XIV *ta'* l-1987. Id-drittijiet tar-rikorrent li qegħdin jiġu leżi huma dawk protetti mill-artikolu 5 subinċiż (1)(ċ), mill-artikolku 5 subinċiż (3) u mill-artikolu 6 *subinċiż* (1) *tal-fuq imsemmi* Att;

Illi l-leżjoni ta' dawn id-*drittijiet tikkonsisti* filli:

(1) Il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, bir-rispett kollu lejha, malament ċaħdet ir-rikors ippreżentat mir-rikorrent għal-libertà proviżorja, kif ukoll meta naqset li *tirriferixxi* l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif kien l-obbligu ċar fil-liġi li tagħmel dik l-Onorabbli Qorti;

(2) In kwantu l-Kodiċi Kriminali jista' jingħad li ma jippermettix, l-għoti tal-libertà proviżorja f'ċirkostanzi bħall-preżenti, allura dan jilledi d-dritt *ta'* l-imputat għar-"*release pending trial*";

(3) Illi l-esponent kien intitolat għall-għoti tal-libertà proviżorja skond il-Kodiċi Kriminali billi r-reati ta' liema hu jinsab akkużat fiċ-ċirkostanzi tal-każ qatt ma jistgħu jwasslu għal dik il-piena li dwarha l-Kodiċi jipprojbixxi l-għoti tal-libertà proviżorja, u dan in forza tal-Proklama tad-29 ta' Jannar, 1987;

F'dan ir-rigward l-esponent jagħmel ampja u pjena riferenza għan-noti esawrjenti li saru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja. Iżid però li fejn tidħol il-libertà ta' l-individwu huwa assjomatiku fil-liġi li l-interpretazzjoni li għandha tingħata hi dik l-iżjed favorevoli għal-libertà sakemm ma jsirlux strapp għall-kelma tal-liġi. L-esponent jissottometti bir-rispett li l-interpretazzjoni korretta hija li hu kien intitolat għal-libertà proviżorja taħt il-Kodiċi Kriminali billi r-reat ta' liema kien akkużat, minħabba l-Proklama mogħtija, ma setax jattira dik il-piena li kienet tirrendi mhux permissibbli lill-Qorti li tikkonċedilu tali libertà. Għalhekk l-interpretazzjoni li tat il-Qorti lledjet d-dritt tiegħu għal-libertà proviżorja;

Bir-rispett kollu lejn l-ewwel Onorabbli Qorti ġie leż ukoll id-dritt tiegħu proċedurali li l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu jiġi rriferit għal quddiem dina l-Onorabbli Qorti. Dan id-dritt tiegħu joħroġ mill-proċedura preskritta fil-preċitat Att. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja f'każ ta' allegat ksur ta' drittijiet fundamentali hi li tara jekk l-allegazzjoni hix frivola jew vessatorja, u fil-każ li mhix li tirreferi l-każ lil din l-Onorabbli Qorti. Bir-rispett kollu jidher li l-Qorti tal-Maġistrati dan ma għamlitux, u b'hekk illediet id-dritt tar-rikorrent li l-każ jiġi rriferit lil dina l-Onorabbli Qorti;

Barra minn hekk skond l-artikolu 5(1)(ċ) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 l-arrest jew detenzjoni ta' persuna tista' biss issir sabiex dik il-persuna tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat. Meta wieħed jaqra dan ma' l-artikolu 5(3) ta' l-iskeda joħroġ ċar li l-imputat għandu dritt għal-libertà proviżorja waqt il-pendenza tal-proċeduri kriminali. Dan huwa dritt fundamentali tiegħu li hu konness mill-qrib mad-dritt l-ieħor ta' presunzjoni

ta' innoċenza. Għalhekk l-unika restrizzjoni li tista' ssir lill-imputat dment li hu jkun għadu ma nstabx ħati hija dik neċessarja biex tassikura li hu jidher il-Qorti u xejn iżjed. F'dan is-sens iċ-ċaħda tat-talba tiegħu għal-libertà proviżorja hija nkostituzzjonali, anke billi l-ġudikant qiegħed iħares lejn ir-reat mil-liema r-rikorrent jinsab akkużat u mhux lejn dawk il-garanziji neċessarji biex jassiguraw li l-akkużat jidher il-Qorti;

(4) Jiżdied ukoll li nkwantu l-President tar-Repubblika hu awtorizzat jagħti hu l-libertà proviżorja lir-rikorrent dan jilledi dritt fundamentali ieħor tiegħu, billi l-President ikollu jaġixxi fuq il-parir ta' l-eżekuttiv u għalhekk la huwa u lanqas jista' jkun tribunal imparzjali u indipendenti li jrid l-artikolu 6 ta' l-ewwel skeda, għaliex fil-fatt ikun iddeċieda l-eżekuttiv;

(5) Illi l-leżjoni fil-konfront tar-rikorrent hija aggravata bil-fatt tal-kontinwat arrrest tar-rikorrent wara l-għeluq tat-termini kif prorogati mill-President tar-Repubblika, u dan minħabba l-pendenza tad-domandi rogatorji mill-Prosekuzzjoni. Jiżdied ukoll li tali rogatorji huma fi staju wieqaf billi x-xhud in kwistjoni ma jistax jiġi ntraċċjat u għalhekk l-estensjoni tat-terminu minħabba r-rogatorji tkompli taggrava l-posizzjoni tar-rikorrent;

Għaldaqstant l-esponent fil-waqt li jġib il-premess għall-konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti jitlob bir-rispett li din il-Qorti, in vista tal-preċitati artikolu ta' l-Att XIV ta' l-1987, jogħġobha tagħtih dawk ir-rimedji u tagħti dawk l-ordnijiet u d-direttivi relattivi għall-każ inkluż dikjarazzjoni li l-artikolu 574 u 575 tal-Kodiċi Kriminali huma nulli in kwantu ma jippermettux lill-Qorti ġudikanti tagħti l-libertà proviżorja lir-rikorrent fil-fattispecie speċifiċi tal-każ";

Rat ir-risposta ta' l-intimati li bir-rispett fissru:

"(1) Illi preliminarjament jiġi rrilevat li Dottor Joseph Brincat LL.D. bħala membru parlamentari, ma jistax jeżerċita l-professjoni ta' avukat f'dina l-kawża, u dan kif ripetutament konfermat b'sentenzi ta' dina l-istess Qorti; u għalhekk fid-dawl ta' l-artikolu 178(1) u 175(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dina l-Onorabbli Qorti għandha tordna l-korrezzjoni opportuni fl-iskritturi;

(2) Illi preliminarjament ukoll l-intimati Kap Kmandant tal-Frozi Armati bħala Kummissarju tal-Pulizija u l-Viċi Prim Ministru bħala Ministru ta' l-Intern ġew imħarrka inutilment f'dina l-kawża billi huma ma humiex il-leġittimi kontradittturi u għalhekk huma għandhom jiġu preliminarjament illiberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

(3) Illi kuntrarjament għal dak li hemm allegat fis-sitt paragrafu tar-rikors, l-istat ta' arrest tar-rikorrent ma hu leżiv ta' ebda dritt kostituzzjonali jew dritt fundamentali. Apparti li ma huma qed jiġu indikati ebda disposizzjonijiet tal-kostituzzjoni allegatament vjolati (ara r-Regola 3(1) ta' l-A.L. 48/1964), l-esponenti jirrilevaw li d-dritt kostituzzjonali u fundamentali ta' kull persuna rigwardanti l-ħelsien fil-pendenza ta' proċeduri hu dak li joħroġ mill-art. 34(3) tal-Kostituzzjoni. Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali rigwardanti l-"*bail*" b'ebda mod ma huma inkonsistenti mal-Kostituzzjoni – il-liġi suprema tal-pajjiż li għandha tipprevali – anzi dawk id-disposizzjonijiet huma perfettament konfaċjenti ma' l-art. 34(3) ta' l-imsemmija Kostituzzjoni. L-artikolu 5(3) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 – liġi ordinarja – ma jżid xejn ma' l-artikolu 34(3) tal-Kostituzzjoni rigwardanti l-kwistjoni tal-"*bail*". Għalhekk

l-art. 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja ma jistax jiġi *interpretat* bħala li hu inkonsistenti jew li jikkozza mal-Kostituzzjoni u dan għax effettivament ma hemm ebda inkonsistenza;

(4) Illi riferibbilment għal-lanjanza li l-Qorti tal-Maġistrati "naqset li tirriferixxi l-allegat ksur *tad-Drittijiet fundamentali*" tar-rikorrent lill-Prim'Awla, l-esponent jissottometti li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma kien hemm ebda **kwistjoni** fis-sens ta' l-art. 4(3) ta' l-Att XIV ta' l-1987; u anke li kieku, għall-grazzja ta' l-argument, kien hemm **kwistjoni** f'dak is-sens, ebda dritt *sostantiv* jew *proċedurali* ma ġie leż bil-fatt li l-Qorti ma rriferitx kif pretiż mir-rikorrent;

(5) Illi kwantu għal dak allegat b'riferenza għall-Proklama Presidenzjali tad-29 ta' Jannar, 1987, l-esponenti jagħmlu riferenza għan-nota ta' l-Avukat Ġenerali tas-26 ta' Novembru 1987 *fl-atti ta' l-istruttorja fejn ġie spjegat* b'*mod ċar u konċiż* li dik il-Proklama ma għandha x'taqsam xejn f'dana l-istadju mal-kwistjoni ta' l-għoti tal-ħelsien. Il-*Qorti* tal-Maġistrati affermat il-korrettezza tat-teżi ta' l-Avukat Ġenerali (ara digriet ta' dik il-Qorti tat-2 ta' Diċembru, 1987) (Dok. A u B);

(6) Illi fil-każ preżenti u jekk wieħed joqgħod proprju, kif qal l-istess *rikorrent* għall-"*fattispecie speċifiċi* tal-każ", żgur li ma jistax jingħad, imqar remotament, li l-proċeduri ħadu xi żmien irraġonevolment twil; anzi l-Qorti tal-Maġistrati mxiet "*a tamburo battente*" kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni. Il-prorogi presidenzjali huma intiżi, u fil-fatt intalbu, biex jaġevolaw, u mhux biex jostakolaw jew itawlu l-proċeduri. Kwnatu għar-rogatorji, kien l-istess *rikorrent* li fil-bidu ta' l-istruttorja tant insista li jinstema' x-xhud Dennis Lyons, u ma hemm xejn x'jindika li r-Rogatorji fir-Renju Unit *riferibbilment*

għal dana x-xhud mhux qed jiġu pproċessati kif suppost. Il-vertenza taż-żmien tad-detenzjoni, u l-kwistjoni kollha strettament għandha tieqaf hemm;

(7) Però, peress illi r-rikorrent qed jallega ksur ta' l-art. 5(1)(ċ) u 5(3) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-att XIV ta' l-1987 jiġi rrilevat is-segwenti:

(a) Il-Konvenzjoni Ewropeja imkien ma tindika jew tispeċifika minn min jingħata il-"ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri";

(b) Il-Kummissjoni Ewropeja, f'diversi każijiet fejn talba għall-ħelsien mill-arrest ġiet miċħuda mill-awtoritajiet ta' pajjiż membru, ma sabet ebda ksur ta' l-artikoli msemmija. Għall-każ odjern biżżejjed għall-mument li wieħed jirreferi għal każ *Levy* (opinjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju, 1976), fejn il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet hekk:

*"Next with regard to the grounds of detention on remand, the Commission recalls that the German courts found that the applicant had tried to induce a witness to make false statements; it was therefore to be expected that he would attempt to intimidate the witness for the prosecution; ..... Both the probable attempts by the applicant to suppress evidence and his possible absconding could only be prevented by continuing his detention; the deposit by the applicant of the proposed bail would not have ensured his appearance at the trial since, in view of the possibility of severe sentence, financial considerations would have played only a minor part in any plans which he might have had for absconding. Furthermore, it would not have been apt to prevent the applicant from intimidating witnessess';*

(ċ) B'ebda mod ma jista' wieħed jargumenta li qed jinkiser id-dritt tal-presunzjoni ta' l-innoċenza bir-rifjut tal-ħelsien pendenti *l-proċeduri*. Il-presunzjoni ta' l-innoċenza tiżgura ċerta proċedura fl-andament tal-kawża; iċ-ċaħda tal-ħelsien pendenti l-proċeduri tiżgura li xejn ma jsir li jġib fix-xejn dawk *il-proċeduri*;

(d) Illi kwantu għall-allegat ksur ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, jiġi rrilevat illi t-talba għall-ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri ma taqax taħt l-imsemmija artikolu. Kif esprimiet ruħha l-Kummissjoni Ewropeja fil-każ Neumeister (sussegwentement ikkonfermata anke bid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja);

*"... The procedural guarantees provided by article 6(1) of the Convention are only applicable to the determination of "civil rights and obligations" or of a "criminal charge". It is clear that a "criminal charge" is not concerned, but the question must be considered whether proceedings regarding release pending trial can be regarded as concerning the determination of civil rights;*

*The Commission considers, in this respect, that article 6(1) cannot reasonably be given such a wide interpretation as to include the kind of proceedings concerned and concludes, by seven votes to five, that article 6(1) is not applicable to such proceedings";*

Minn dan isegwi li r-riferenza tar-rikorrent għal tribunal imparzjali u indipendenti hija frivola la darba t-talba għall-ħelsien fil-pendenza tal-proċeduri la tista' titqies *"a criminal charge"* u l-anqas *"a civil right and obligation"*. Dan qed jingħad għax

l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni ġie msemmi fir-rikors, għax altrimenti dana l-artikolu m'għandu ebda relevanza għall-każ odjern;

Għal dawna l-motivi, u għar-raġunijiet l-oħra kollha li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża, it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda peress li huma infondati fid-dritt u fil-fatt'';

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju 1988 li biha ddeċidiet li għandha tirrespinġi t-talba tar-rikorrent iżda l-ispejjeż minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, l-iktar tan-novità tiegħu, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, u dana wara li:

''Ikkunsidrat: fir-rigward ta' l-ewwel paragrafu tar-risposta, illi Dr. Joseph Brincat kien irtira prudentement mill-kawża u li l-intimat baqa' patroċinat miż-żewġ firmatarji l-oħrajn tar-rikors, jiġifieri, Dr. Ian Refalo u Dr. Edward Woods biss'';

''Relattivament għat-tieni paragrafu tar-risposta: fis-sens li l-intimati Kap Kmandat tal-Forzi Armati bħala Kummissarju tal-Pulizija u l-Viċi Prim Ministru bħala Ministru ta' l-Intern ġew imħarrka inutilment f'din il-kawża billi ma humiex il-leġittimi kontradittturi u għalhekk huma għandhom preliminarjament jiġu lliberati mill-osservanz tal-ġudizzju, illi għandha tibqa' din l-eċċezzjoni; peress li fejn si tratta ta' leġislazzjoni, (u kif ser jidher ċar iktar tard, il-qofol ta' dan ir-rikors hija l-validità o meno ta' leġislazzjoni, u dana peress li l-lanzjanza tar-rikorrent taqa' waħidha jekk il-leġislazzjoni in kwistjoni ma tkunx iċċensurata), li tirrappreżenta l-qofol tal-politika nazzjonali u tal-Gvern, il-leġittimu kontradittur huwa l-Onorevoli l-Prim Ministru u mhux l-intimati l-oħra għolja u

distinta kemm hija l-kariga tagħhom. Għalhekk il-Qorti qiegħda mill-ewwel tillibera lill-Kap Kmandat tal-Forzi Armati bħala Kummissarju *tal-Pulizija* u l-Viċi Prim Ministru bħala Ministru ta' l-Intern mill-Osservanza tal-Ġudizzju'';

''*Ikkunsidrat* illi din il-Qorti hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u mhux il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede Inferjuri) u għalhekk mhix qiegħda biex tissindika l-operat *ta'* proċedura *quddiem* il-Qorti Istruttorja waqt il-Kompilazzjoni tal-każ. Minn dan isegwi li l-kwistjoni li trid tkun deċiża f'dan ir-rikors hija jekk hemmx inkompatibilità bejn *il*-Kodiċi Kriminali Malti u l-*Konvenzjoni* Ewropeja *tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward* ta' l-arrest preventiv u l-kwistjoni tal-***Bail.*** Il-kwistjoni mhix il-Kodiċi Kriminali kellux *jipprovdi kif* ipprovda; u dan peress li l-Konvenzjoni Ewropeja saret Liġi Maltija bl-Att XIV ta' l-1987. It-tielet artikolu ta' dan l-Att jipprovdi ċar fit-tieni inċiż tiegħu li:

''(3(2) ) Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libetajiet Fundamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, sa fejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett''. ''Liġi ordinarja tfisser kull *dokument li* għandu s-saħħa ta' Liġi u kull regola ta' liġi mhix miktuba, minbarra l-Kostituzzjoni ta' Malta''. Jidher, u kien aċċettat mill-partijiet, li għal dak li jirrigwarda dan il-każ ma *hemmx* xi inkonsistenza jew konflitt bejn il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja;

Il-Konvenzjoni Ewropeja tippreskrivi li ''Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà tiegħu ħlief'', fost oħrajn, ''l-arrest jew detenzjoni *skond* il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li

tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat''. (l-art. 5(1)(ċ) );

kif ukoll li:

(5(3) ) ''Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1)(ċ) ta' dan l-artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem Imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għall-proċeduri fi żmien raġonevoli jew għall-ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri''. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti dan ifisser li persuna arrestata jew detenuta fiċ-ċirkostanzi hekk ikkontemplati għandha dritt għal waħda minn żewħ ħwejjeġ li huma alternattivi għal xulxin: – jew proċeduri fi żmien raġonevoli **jew** għall-ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri (*Vide* Fawcett J.E.S. *The Application of the European Convention on Human Rights,* p. 102 – 103). Kien sottomess għar-rikorrent li l-Kodiċi Kriminali Malti huwa inkonsistenti ma' dawn id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropeja, peress li jiddisponi li ''l-ħelsien mill-arrest ma jistax jiġi mogħti lill-imputati ta' delitt suġġett għall-piena ta' priġunerija għal għomorhom''. (art. 575(1)(b) Kodiċi Kriminali). L-istess eċċezzjoni mill-ħelsien mill-arrest għal persuni imputati b'delitt soġġett għall-piena ta' priġunerija għal għomorhom, ikkontemplata fil-Kodiċi Kriminali Malti, hija f'konflitt mad-disposizzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Dan biżżejjed biex tinstab inkonsistenza bejn iż-żewġ sistemi, bil-konsegwenza li din il-Qorti jkollha tħassar l-eċċezzjonijiet ikkontemplati fl-artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali'';

''Apparti din il-kwistjoni qofol, saru wkoll sottomissjonijiet

fis-sens li fil-każ partikolari tar-rikorrent, dan ma jista' qatt ikun soġġett għall-piena tal-ħabs għal għomru *minħabba* l-operat tal-*Proklama relattiva għall-pieni, maħruġa fl-okkażjoni ta'* l-emendi Kostituzzjonali. Peress li l-artikolu 575 jikkontempla imputazzjonijiet ta' delitti u *mhux* il-każ partikolari tal-persuni li jinsabu ħatja ta' dawk id-delitti, il-Qorti hija tal-fehma li għall-finijiet ta' dan ir-rikors, l-applikazzjoni tal-Proklama għandha tkun injorata. L-artikolu 575 jikkontempla l-limitazzjoni tal-ħelsien mill-arrest tal-persuni akkużati b'delitt li għalih il-Kodiċi jippostula l-piena tal-ħabs għall-għomor u ma jħarisx lejn kif dik il-piena *fil-konfront* tal-persuna in kwistjoni tista' tkun applikata jekk tinstab ħatja'';

''*Jidher* ċar li r-rikorrent qed jallega diskrepanza bejn il-Kodiċi Kriminali u l-Konvenzjoni Ewropeja billi jqiegħed l-art. 575 tal-Kodiċi Kriminali min-naħa u l-Konvenzjoni Ewropeja *mill-oħra*. Iżda l-Att XIV *ta'* l-1987 *fl-artikolu* 3(2) *fuq ċitat* iqiegħed ''xi liġi ordinarja'' min-naħa u l-Konvenzjoni Ewropeja mill-oħra. Minn dan isegwi li l-Qorti ma għandhiex tieqaf fuq xi artikolu partikolari, iżda għandha tfittex is-sostanza tal-liġi kollha, u tqabbel dik is-sostanza mal-Konvenzjoni. Diġà ntqal li l-Konvenzjoni teħtieġ li persuna arrestata għandha jkollha proċeduri fi żmien raġonevoli **jew** ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Isegwi li biex tinstab inkonsistenza bejn il-Kodiċi Kriminali Malti u l-Konvenzjoni Ewropeja, irid jinstab li l-Kodiċi Kriminali Malti ma jipprovdix (a) proċeduri fi żmien raġonevoli, (b) ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri u dawn l-(a) u (b) bħala *alternattivi* għal xulxin. Ma hemmx dubju li l-Kodiċi Kriminali Malti ma jipprovdix ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri f'dan il-każ, peress li, kif intqal, imputati ta' *delitti soġġetti* għall-piena *ta' priġunerija* għal għomorhom ma jistgħux jingħataw il-libertà proviżorja (art. 575 (1)(b) ). Iżda jekk l-alternattiva l-oħra –

dik ta' proċeduri fi żmien raġonevoli hija kkontemplata fil-Kodiċi Kriminali sodisfaċentement ma jkunx hemm diskrepanza tali li twassal biex il-Qorti tiddikjara li xi parti tal-Kodiċi Kriminali hija bla effett. Dan jitlob analiżi tal-Kodiċi Kriminali biex ikun żgurat li l-Kodiċi Kriminali jipprovdi proċeduri fi żmien raġonevoli. Nibdew biż-żmien tal-kompilazzjoni: l-artikolu 401 jipprovdi li:

"(1) Il-kompilazzjoni tingħalaq fi żmien xahar, illi għal raġuni tajba, jista' jiġġedded mill-President ta' Malta għal perijodi oħra kull wieħed minnhom ta' xahar, u kull tiġdid bħal dan għandu jsir fuq talba bil-miktub magħmula mill-Qorti";

Iżda ż-żmien fuq imsemmi m'għandux b'kollox jiġi hekk imġedded għal aktar minn tliet xhur";

Iżda wkoll kemm-il darba ma jkunx ingħata l-ħelsien mill-arrest, l-akkużat għandu jinġieb quddiem il-Qorti għall-anqas darba kull ħmistax-il ġurnata sabiex il-Qorti tiddeċidi jekk għandux jibqa' arrestat";

"It-tielet inċiż ta' l-artikolu 401 jipprovdi li meta tingħalaq il-kompilazzjoni l-Qorti tordna li l-atti tal-kompilazzjoni flimkien ma' l-oġġetti li jkollhom x'jaqsmu mad-delitt jiġu mibgħuta, fi żmien tlett ijiem tax-xogħol, lill-Avukat Ġenerali";

Iż-żminijiet ikkontemplati fl-artikolu 401 jitwaqqfu, fost oħrajn, jekk jiġi ordnat l-eżami ta' xhieda jew att ieħor ta' kompilazzjoni taħt l-artikolu 399 (prova b'mezz ta' rogatorji) (art. 402(1)(ċ) )";

"L-Avukat Ġenerali mbagħad għandu termini limitati li

fihom irid jippreżenta l-att ta' l-akkuża: Hekk l-artikolu 432(1) jiddisponi li:

432(1) "L-Avukat Ġenerali għandu ż-żmien ta' xahar biex jippreżenta l-att ta' l-akkuża, illi jibda jgħodd minn dak in-nhar li jirċievi l-atti (tal-kompilazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja). Dan iż-żmien għandu, fuq talba ta' l-Avukat Ġenerali, jiġi mġedded mill-Qorti għal ħmistax-il jum ieħor u, għeluq dan iż-żmien, mill-President ta' Malta għal ħmistax-il jum ieħor, u, meta l-fatt ikun tali illi biex tinstab ix-xorta sewwa tar-reat ikun meħtieġ bilfors li jgħaddi żmien aktar twil, għal żmien aktar twil, għal dak iż-żmien itwal;

Iżda jekk dan iż-żmien itwal jaqbeż erbgħin jum, l-imputat għandu l-jedd li jiġi meħlus mill-arrest taħt garanzija";

"Safejn hu magħruf ħadd qatt ma kkritika dawn it-termini u lealment ir-rikorrent ma fissirx li s'issa kien hemm xi dewmien irraġonevoli fit-trattazzjoni tal-każ tiegħu. Naturalment ma kienx hemm kritika, ħlief fost l-uffiċjali inkarigati fl-uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali li ħafna drabi jkollhom jishru bla rimunerazzjoni jew kumpens biex ilħaqqu magħhom";

"Imbagħad skond l-artikolu 439 tal-Kodiċi Kriminali:

"Il-kawżi jinstemgħu (mill-Qorti) kull waħda meta jmissha, skond id-dati li fihom jiġu ppreżentati l-atti ta' l-akkuża;

Iżda l-Qorti tista', meta tara li hemm raġuni tajba għal dan, tħalli għal darb'oħra s-smigħ tal-kawża li jkun imiss, u tgħaddi għas-smigħ ta' kawża oħra";

"Konsegwentement, għalkemm il-kawżi jinstemgħu waħda wara l-oħra skond ir-roster tad-data li fiha daħlu, għal raġuni tajba l-kawża tista' titqabbeż il-*queue*. Fiż-żmien ta' l-aqwa tradizzjoni tal-Qorti Kriminali fil-kors ta' dan is-seklu, il-fatt li imputat ikun priġunier jistenna l-ġuri tiegħu jasal, kien ikkunsidrat raġuni tajba biżżejjed biex il-ġuri tiegħu jsir qabel oħrajn li l-att ta' l-akkuża relattiva għalihom daħlu f'dati qabel. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tifhem li meta tqis il-presunzjoni fundamentali dwar l-innoċenza ta' l-akkużat u l-grad ta' prova li l-Prosekuzzjoni trid tasal għalih biex imputat akkużat jinstab ħati, fin-nuqqas ta' xi ħaġa partikolari li naturalment tiddependi mill-fatti speċje partikolari tal-każ, dawn it-termini huma *prima facie* raġonevoli u ma ssib xejn x'tikkritika fihom";

"Li konċepibbilment faċilment jista' jkun ikkritikat huwa xi użu ħażin mill-uffiċjali nkarigati fl-Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali tat-termini preskritti fit-tieni u t-tielet inċiż ta' l-artikolu 432;

"(2) Meta l-atti tal-kompilazzjoni jkunu difettużi billi ma jkunux iħarsu xi disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar dawn l-atti, l-Avukat Ġenerali jista' jibgħat l-atti lura lill-Qorti li minn għandha jkun irċevihom, flimkien ma' talba bil-miktub biex il-Qorti terġa' tibda mill-ġdid il-kompilazzjoni jew biex l-atti jiġu kkorreġuti, skond iċ-ċirkostanzi, billi jsewwi d-difett u d-disposizzjoni ta' dan il-Kodiċi li tgħodd għall-każ";

(3) Il-Qorti għandha, fi żmien ta' ħamest ijiem tax-xogħol illi jibdew jgħoddu minn dak in-nhar li l-atti jintbagħtu lura lilha bħal ma jingħad hawn fuq, (liema żmien fuq talba bil-miktub tal-Qorti u għal raġuni tajba, il-President ta' Malta jista' jġedded għal ħamest ijiem oħra tax-xogħol), tagħlaq il-kompilazzjoni

ġdida jew tikkoreġi l-atti, u tibgħathom lill-Avukat Ġenerali; u f'dan il-każ, iż-żmien għall-preżentata ta' l-akkużi jibda miexi minn dak in-nhar li l-Avukat Ġenerali jirċievi l-*atti* l-ġodda jew l-atti kif ikunu ġew *ikkorreġuti*";"

"Għax konċepibbilment jista' jkun hemm abbuż fl-użu ta' dawn l-inċiżi, iżda ma jwassalx għall-konklużjoni li t-termini ffissati mill-Kodiċi Kriminali Malti xi *mitt* sena qabel ma nħolmot *il-Konvenzjoni Ewropeja* li issa saret il-liġi f'Malta bl-Att XIV ta' l-1987, m'humiex raġonevoli; ikun l-abbuż, bħall-abbużi kollha, li ma jkunx raġonevoli, u jkun dak l-abbuż, *si et quatenus*, li għandu jkun ikkontrollat bil-mezzi kollha li l-liġi tipprovdi. *Dan qed jingħad mhux għax safejn hu magħruf fil-*kors ta' dan is-seklu kien hemm xi darba allegazzjoni ta' xi abbuż simili, iżda għax il-massima klamoruża tax-Xjena Politika, maħluqa minn Lord Acton; dwar is-setgħa u l-Korruzzjoni: ***"Power corrupts and absolute power corrupts absolutely"*** hija notorja, u l-Qorti ma tistax tagħlaq għajnejha għal dak li hu notorju";

"Ikkunsidrat li għandha tfisser *li waqt li* ħadet pjaċir bis-sens ta' *erudizzjoni fid-dritt* komparat manifestat mid-difensuri abbli tal-partijiet, hija għandha terġa' tfisser li d-dritt komparat għandu l-limiti tiegħu u li hu iktar utili waqt li tkun qed issir mil-liġi ***(de lege condenda)*** mhux tant utli waqt li tkun qed tiġi interpretata l-liġi ***(de lege ferenda).*** F'dan l-istadju l-Qorti trid bilfors tintrabat mal-kelma wżata mil-Leġislatur, bil-punteġġjatura b'kollox, u dan partikolarment fi żminijietna meta l-kondizzjonijiet soċjali tal-pajjiż li jkun titlob l-aġġustamenti meħtieġa mill-istat soċjoloġiku tal-pajjiż";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-istess Avukat Dr Lawrence

Pullicino LL.D., ippreżentat fis-27 ta' Lulju 1988 li bih għarraġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti tirriforma l-preċitata sentenza tal-15 ta' Lulju 1988 fil-kawża fl-ismijiet premessi billi fil-waqt li tikkonfermaha inkwantu dik is-sentenza lliberat millosservanza tal-ġudizzju lill-Kap Kmandat tal-Forzi Armati bħala Kummissarju tal-Pulizija u l-Viċi-Prim Ministru bħala Ministru ta' l-Intern tirrevokaha fil-kumplament u b'hekk tiddeċidi għattenur tat-talbiet tar-rikorrent kif kontenuti fir-rikors tiegħu promotorju ta' dan il-ġudizzju bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru ppreżentata fid-9 ta' Settembru 1988;

Rat id-deċiżjoni tagħha preliminari fuq il-punt tan-nullità ta' l-appell issollevat mill-appellat l-Onorevoli Prim Ministru mogħtija fid-dsatax (19) ta' Ottubru 1988;

Rat l-atti L-oħra rrilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors tiegħu ta' l-appell ippreżentat fis-27 ta' Lulju 1988 (Parti II, fol. 196) l-appellant qiegħed jissottometti li l-leżjoni tad-drittijiet tiegħu fundamentali protetti mill-Att XIV ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja tikkonsisti fl-ewwel lok filli l-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta naqset li tirriferixxi l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (fol. 197). Ikompli jissottometti l-appellant fl-istess rikors (fol. 198) li dan id-dritt tiegħu joħroġ

*mill-proċedura* preskritta fil-preċitat Att. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja f'każ ta' allegat ksur ta' drittijiet fundamentali hi li tara jekk *l-allegazzjoni* hix frivola *jew vessatorja, u, fil-każ li m'hiex, li tirriferi l-każ lill-*Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. L-istess appellant jirrepeti l-imsemmija sottomissjoni tiegħu fin-nota *ta'* osservazzjonijiet tiegħu *ppreżentata* fid-19 ta' Jannar 1989 (Parti II, fol. 276) fejn jissottometti bħala l-ewwel wieħed mill-ilmenti tiegħu dwar il-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu "in-nuqqas ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija li tirrinvija l-atti għal quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili meta ġie ssollevat il-punt mill-esponent dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu". Fl-istess nota (fol. 277) l-appellant jamplifika fuq is-sottomissjonijiet tiegħu billi jgħid li jekk wieħed jaqra biss id-digrieti mogħtija *mill-Qorti tal*-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja dwar din il-kwistjoni, wieħed jista' jara li l-kwistjoni tqajmet. Tant hu hekk li l-istess Qorti qalet li jekk l-appellant kien qed jippretendi li *kien hemm* ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, allura jmissu jagħmel l-opportun rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Dan assolutament mhux korrett – jissokta jgħid l-appellant – għaliex jekk hu kien qed jippretendi dik il-ħaġa, kif wieħed jara mis-sottomissjonijiet kollha fl-interezza tagħhom li kienu qegħdin isiru, allura ma kienx jispetta lilu li jagħmel rikors quddiem il-Prim'Awla, imma kien id-dover tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja li tirrinvija l-atti għal quddiem il-Prim'Awla b'riferenza ħalli l-punt imqajjem jiġi deċiż. In-nuqqas ta' din ir-riferenza ddanneġġatu serjament billi fuq tali riferenza ma kienx iżjed jitqajmu argumenti dwar l-illeġittimità tal-persuni mħarrkin, argumenti li kienu qegħdin jiġu żviluppati mill-prosekuzzjoni f'tentattiv biex jirrespinġu l-portata ta' l-ilmenti tiegħu;

Min-naħa ta' l-appellat qiegħed jiġi sottomess fin-nota ta' l-osservazzjonijiet responsiva tiegħu ppreżentata fis-26 ta' Jannar 1989 (Part II, fol. 283, para 3) li "l-appellant qed jilmenta li l-Qorti tal-Maġistrati, meta kellha quddiemha, skond l-appellant, kwistjoni *ai termini* ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u 4(3) ta' l-Att XIV ta' l-1987, naqset li tirreferi dik il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'mod li l-appellant kien kostrett jagħmel din il-kawża. Jekk dana huwa minnu (l-esponent jagħmel riferenza għall-atti ta' l-istruttorja u speċjalment id-digrieti tat-2 ta' Diċembru 1987, 21 ta' Jannar 1988 u 15 ta' Frar 1988), allura l-proċeduri odjerni huma, fuq l-iskorta tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-11 ta' Jannar 1989 fl-ismijiet **Angelo Spagnol *vs* Onorevoli Prim Ministru *noe*,** nulli bil-konsegwenzi kollha ta' tali nullità";

Ikkunsidrat:

Fir-rikors tiegħu ppreżentat fil-25 ta' Novembru 1987 fil-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta (Kopja fotostatika. Part I, fol. 40) meta talab lil dik il-Qorti li takkordalu l-libertà proviżorja, l-appellant avanza *inter alia* r-raġuni "illi huwa għandu dritt kostituzzjonali li jingħata l-libertà proviżorja, u dana peress li d-dritt tiegħu li jingħata l-libertà proviżorja taħt kondizzjonijiet huwa sanċit fl-artikolu 35(3)(b)". In segwitu għall-insemmi rikors ġiet ippreżentata nota mill-appellant fit-30 ta' Novembru 1987 fejn ingħad (kopja fotostatika Part I fol. 58 u 59):

"3. Illi fuq kollox però l-esponenti għandu dritt għal-libertà in forza tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tal-Konvenzjoni Ewropeja, apparti kwalunkwe dritt illi jista' jirriżulta wkoll mill-Kostituzzjoni;

4. Il-Kostituzzjoni tagħna diġà għamlet dan id-dritt però huma aktar *vinkolanti* u ċar fil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u speċifikament.....";

*Ma' l-istess* nota ġew esibiti diversi kopji fotostatiċi meħudin mid-*Digest of Strasbourg – Caselaw relating to the European Convention on Human Rights – Volume I – articles 1 to 5 (Part I fol. 62 sa 82)*. Jidher ukoll li fis-seduta tat-30 ta' Novembru 1987 meta d-difensur ta' l-appellant għamel is-sottomissjonijiet tiegħu (kopja fotostatika Part I, fol. 93 *et seq)*. Huwa għamel riferenza għal dak li sejjaħ il-"punt fundamentali dwar id-drittijiet tal-bniedem". Jidher ukoll li fl-istess seduta l-Prosekuzzjoni ttrattat ukoll ***in extenso*** dwar l-allegazzjonijiet issollevati mid-difiża ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali tal-Konvenzjoni Ewropeja (kopja fotostatika, *Part I, fol. 159 et seq);*

In segwitu għal dan kollu b'digriet mogħti fit-2 ta' Diċembru *1987 (Part I, fol. 192 et seq)* dik il-Qorti ddeċidiet li "ma jidhrilhiex li jeżistu raġunijiet biżżejjed taħt dan il-kap biex tvarja l-opinjoni tagħha li dan il-każ ma jippermettix lill-Qorti tagħti *l-libertà proviżorja*". Eżami ta' dan id-digriet juri li dik il-Qorti meta ġiet biex tikkunsidra s-sottomissjonijiet ta' l-appellant li a bażi ta' l-artikolu 5(3) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987, hu għandu d-dritt li jkollu proċeduri fi żmien raġonevoli jew għall-ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri u l-argument tiegħu li a tenur ta' l-artikolu 3(2) ta' l-istess Att, il-Kodiċi Kriminali, u senjatament l-artikolu 575 huma inkonsistenti ma' l-artikolu 5(3) ta' l-Att XIV (fol. 198) kompliet tgħid hekk: "Din il-Qorti ma għandhiex quddiemha kwistjoni ta' indoli li dwarha din il-Qorti trid tirriferi l-każ lil Qorti oħra. Żgur ukoll li d-difiża trid tadixxi Qorti oħra għall-impunjazzjoni tal-validità tal-Kodiċi

Kriminali *jew provvedimenti partikolari* tiegħu f'konflitt ma' l-Att XIV ta' din is-sena. Il-Qorti dan qiegħda tgħid billi, *una volta* li waslet għall-konklużjoni li waslet a bażi tal-Kodiċi Kriminali, huwa ċar li hija bħala Qorti, hija marbuta mal-Kodiċi li hi trid u li hi obbligata li tinterpreta u tapplika sakemm xi provvediment minn dak il-Kodiċi ma jiġix iddikjarat null u bla effett, u kif diġà qalet il-Qorti, hija marbuta illi ma tistax tagħti libertà proviżorja f'dan il-każ''. Wara dan kollu ciononostante, *hija eżaminat il-prinċipji stabbiliti bid-deċiżjonijiet mill-organi* kompetenti fl-Ewropa dwar dak li tfisser ''*reasonable time*'' u waslet għall-konklużjoni fuq imsemmija;

Jidher ukoll minn eżami tal-proċess li skond verbal ta' l-istess data, l-appellant talab illi, ''stante illi bid-digriet dwar il-libertà proviżorja, qamet kwistjoni jekk din il-Qorti għandhiex tapplika l-Kodiċi Kriminali u l-provvedimenti tiegħu jew inkella l-Konvenzjoni Ewropeja, u stante *li l-Qorti qalet li din materja* li ma tistax tiddeċidiha hi imma Qorti oħra, u skond l-Att XIV ta' l-1987, il-Qorti kompetenti hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ewwel lok u mbagħad il-Qorti Kostituzzjonali, din il-kwistjoni tiġi rriferita f'dawn it-termini lill-Qorti Kostituzzjonali (Part I, fol. 202)''. Il-Qorti b'digriet ta' l-istess data tat żmien lill-appellant u lill-Avukat Ġenerali biex jagħmlu s-sottomissjonijiet bil-miktub dwar l-imsemmi punt u rriservat li tipprovdi ulterjorment dwar dan (Part I, fol. 204);

Fit-13 ta' Jannar 1988 ġie ppreżentat rikors ieħor mill-appellant (Part. I, fol. 242) fejn wara li ġie osservat *inter alia* li skond il-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, illum parti mil-liġi tagħna, jinsabu fost l-oħrajn l-artikolu 5 u l-artikolu 6 u fejn wara li ntqal li skond l-artikolu 5(3) kull persuna arrestata għandha dritt ''*to trial within a reasonable time or to*

*release pending trial*", talab li jiġi rrevokat contrario *imperio* d-digriet tagħha *dwar* il-libertà proviżorja. Anke dan ir-rikors ġie rriġettat mill-imsemmija Qorti b'digriet tagħha tal-21 ta' Jannar 1988 (Part I, fol. 246) fejn ingħad *fost affarijiet oħra, illi fil-verbal tat-2 ta'* Diċembru 1987 (dak fuq imsemmi) d-difiża talbet li l-kwistjoni tiġi riferita lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, għalkemm ma saritx insistenza għal digriet wara dan il-verbal *billi d-difiża* indikat li kien bi ħsiebha tagħmel ir-rikors opportun hija stess u fejn ingħad ukoll li l-Qorti ma tara l-ebda motiv għaliex għandha tirrevoka d-digriet *tat-2 ta'* Diċembru 1987 meta *hija marbuta li ma tagħtix il-libertà proviżorja bl-artikolu* 575 tal-Kodiċi Kriminali u dan bl-ebda mod ma ġie varjat bil-Proklama tad-29 ta' Jannar 1987;

F'sottomissjonijiet sussegwenti għal dan it-tieni digriet magħmula *mid-difensur* ta' l-appellant fis-seduta tat-12 ta' Frar 1988 reġa' ġie ssollevat il-punt jekk għall-finijiet tal-ġustizzja kienx aktar leġittimu li l-appellant jibqa' fi stat ta' arrest billi *llum ma nistgħux* nitkellmu biss fuq l-artikoli li jeżistu fil-Kodiċi Kriminali mingħajr ma tarahom fil-perspettiva ta' l-Att XIV ta' l-1987 skond l-artikolu 5, persuna arrestata għandha dritt *jew għal "trial within a reasonable time or to release on bail (Part I, fol. 261 – 262)*. Il-Prosekuzzjoni, min-naħa tagħna, issottomettiet li dik il-Qorti hija *svestita minn* kwalunkwe awtorità li b'xi mod tagħti l-libertà proviżorja lill-imputat (Part I, *fol.* 283). Dawn is-sottomissjonijiet kollha ġew segwiti b'digriet ieħor – dak tal-15 ta' Frar 1988 (Part I, fol. 300). F'dan it-tielet digriet il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għamlet riferenza għas-sottomissjonijiet ta' l-appellant li l-Att XIV ta' l-1987 għandu jipprevali *f'materja* ta' drittijiet fundamentali fuq kull liġi oħra, għalkemm tali liġijiet oħra ma jkunux ġew espressament imsemmija jew fiżikament emendati u l-istess Att ma jeżenta

ebda liġi oħra tal-pajjiż mill-operat tiegħu u per konsegwenza l-artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali relattiv għall-għoti tal-libertà proviżorja għandu jiġi kkunsidrat taħt dan l-aspett. L-imsemmija *Qorti osservat ukoll li wara d-digriet tat-2 ta' Diċembru 1987* id-difiża indikat li hija kienet sejra tagħmel rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili in sostenn tat-teżi illi l-Att XIV ta' l-1987 kien emenda taċiament il-liġijiet kollha, fosthom il-Kodiċi Kriminali, taħt l-aspett tad-drittijiet fundamentali elenkati fl-*istess Att u li naturalment f'każ ta' eżitu favorevoli għal din it-*teżi quddiem dik il-Qorti tkun neċessarja li hija stess teżamina l-artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali mill-ġdid. L-istess Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja kompliet tgħid li sa dak in-nhar ma kinetx ġiet infurmata jekk kinetx ġiet intavolata l-imsemmija proċedura quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u li hija tkun fi grad li tiddeċidi meta jkollha deċiżjoni vinkolanti dwar il-validità assoluta kontinwata ta' l-artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk irriservat li tipprovdi ulterjorment f'tali stadju, jekk ikun il-każ;

Ikkunsidrat:

Jidher mill-imsemmija proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja li din il-Qorti elenkathom fit-tul, illi fil-fatt meta ġiet ikkunsidrata l-kwistjoni tal-libertà proviżorja ta' l-appellant minn dik il-Qorti kienet qamet kwistjoni dwar il-ksur ta' dritt fundamentali tal-bniedem billi kienet qamet kwistjoni jekk kienx hemm inkonsistenza bejn l-artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja indikati kif ingħad fuq mill-appellant u jekk minħabba din l-inkonsistenza l-kwistjoni tal-libertà proviżorja ta' l-appellant kellhiex tiġi rregolata mill-istess disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja. Tant kienet qamet din il-kwistjoni

li l-istess Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja rriservat fl-aħħar digriet tagħha fuq imsemmi tal-15 ta' Frar 1988 li teżamina l-artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali mill-ġdid meta jkollha deċiżjoni vinkolanti dwar il-validità assoluta kontinwata ta' l-istess artikolu 575;

Issa skond l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni kif ukoll skond l-art. 4(3) ta' l-Att XIV ta' l-1987, meta qamet *l-imsemmija* kwistjoni dik il-Qorti kellha l-obbligu li hi stess tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma kinetx sempliċement frivola jew vessatorja. L-imsemmija disposizzjonijiet stabbilew ċerta proċedura li kellha tiġi segwita *mill-istess* Qorti (li ma tkunx il-Prim'Awla *tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali) meta* tqum kwistjoni simili. Hija kellha tiddeċidi jekk il-kwistjoni li tkun qamet kinetx sempliċement frivola jew vessatorja. Jekk tiddeċidi li hija sempliċement frivola jew vessatorja, allura ma jistax ikun hemm appell *minn* din id-deċiżjoni tagħha. Jekk għall-kuntrarju tiddeċidi li m'hiex sempliċement frivola jew vessatorja hija kellha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u mbagħad kellha tiddisponi mill-kwistjoni hi skond ma tiddeċidi l-Prim'Awla, jew, f'każ ta' appell, din il-Qorti (ara fl-istess *sens* "Angelo Spagnol *vs* Onorevoli Prim Ministru *et*" deċiża minn din il-Qorti fil-11 ta' Jannar 1989);

Il-fatt li l-appellant *seta' ta' ad intendere* lill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja li kien se jressaq il-kwistjoni hu b'rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (dana ma jirriżultax mill-verbali għalkemm jissemma fid-digrieti fuq imsemmija) ma kienx jeżenta lil dik il-Qorti li ssegwi l-proċedura speċjali fuq imsemmija espressament stabbilita, la darba l-kwistjoni kienet qamet quddiemha. Din il-proċedura hija ta'

ordni pubbliku u għandha tiġi segwita *"ad unguem"* mill-Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali meta tqum kwistjoni simili quddiemha. Huwa evidenti li l-iskop ta' din il-proċedura speċjali huwa li jiġu evitati dilungar u prolazzjoni tal-kawża f'każ ta' kwistjoni sempliċement frivola jew vessatorja u anke biex jiġu evitati kwistjonijiet oħra li talvolta jistgħu jiġu ssollevati f'każ ta' proċedura meħuda b'rikors il-Prim'Awla tal-*Qorti Ċivili mill-persuna* li tallega l-ksur ta' dritt fundamentali tagħha;

Minflok ġiet segwita l-imsemmija proċedura l-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ddeċidiet il-kwistjoni tal-libertà proviżorja u rriżervat li tirrevoka id-drittijiet tagħha fil-każ li jsir rikors mill-parti interessata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u fid-dawl tad-deċiżjoni ta' dik il-Qorti jew f'każ *ta' appell, ta' din il-Qorti. F'dan is-sens l-appellant għandu raġun* meta jilmenta li l-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja naqset li tirreferixxi l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors promotorju ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali wieħed *mill-ilmenti avanzati mill-appellant kien li l-Qorti tal-*Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja naqset li tirriferixxi l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Ma jidhirx li dan l-ilment ġie investit mill-ewwel Qorti li llimitat ruħha biex tgħid fis-sentenza appellata li "din il-Qorti hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u mhux il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u għalhekk m'hiex qiegħda biex tissindika l-operat ta' proċeduri quddiem il-Qorti Istruttorja waqt il-kompilazzjoni tal-każ. Minn dan isegwi li l-kwistjoni li trid

tkun deċiża f'dan ir-rikors hija jekk kienx hemm inkompatibilità bejn il-Kodiċi Kriminali Malti u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward ta' l-arrest preventiv u l-kwistjoni *tal-bail*'';

Hija fehma ta' din il-Qorti, però, li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kellha fl-ewwel lok teżamina l-imsemmi lment konsistenti fin-nuqqas ta' riferenzi da parti tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ssollevat fl-ewwel lok mill-appellant fir-rikors promotorju għax wara kollox dan l-ilment kien jikostitwixxi wieħed mill-kawżali ta' l-azzjoni tar-rikorrent, anzi l-appellant kien qed jallega li dak li għamlet miegħu l-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta kien jikkostitwixxi leżjoni tad-drittijiet tiegħu;

Din il-Qorti diġà spjegat li l-ilment ta' l-appellant li l-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta naqset li tiddeċidi li tirriferixxi l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili huwa fondat u għalhekk imissha issa tgħaddi biex tara x'inhuma jew x'għandhom ikunu l-konsegwenzi ta' dan, speċjalment, tenut kont tas-sottomissjoni ta' l-appellant li bħala konsegwenza din il-Qorti fuq l-iskorta tas-sentenza tagħha *in re* ''Angelo Spagnol *vs* Onor Prim Ministru *noe*'' tal-11 ta' Jannar, 1989 għandha tiddikjara nulli l-proċeduri preżenti;

Din il-Qorti, però, ma tarax li f'dan il-każ partikolari tista' tikkonkludi li l-proċeduri odjerni huma nulli kif qed jippretendi l-appellat. Fis-sentenza tagħha fil-każ ċitat *in re* ''Spagnol *vs* Onor. Prim Ministru *noe*'' iċ-ċirkostanzi u fattispeċji fattwali u legali invouti kienu ''*toto coelo*'' differenti minn dawk tal-każ preżenti. F'dak il-każ infatti, il-punt kruċjali kien li ġaladarba

l-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja qed taċċetta li kienet qamet kwistjoni bħal dawk imsemmija fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 4(3) ta' l-Att XIV ta' l-1987, u ma kinetx il-funzjoni tagħha li tagħti terminu biex l-akkużat jintavola kawża kostituzzjonali hu, imma kellha tagħmel riferenza hi wara li tkun ikkunsidrat il-kwistjoni tal-vessatorjetà u l-akkużat *kellu jinsisti mal-Qorti li jsir proprju dan u mhux jissorvela id-*disposizzjonijiet ta' l-imsemmi sub-artikolu meta dik il-Qorti kienet qed taċċetta li kien hemm kwistjoni bħal dawk hemm imsemmija. Fil-każ preżenti, però, għalkemm l-akkużat issa appellant ripetutament iddikjara lill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja li kien qed iqajjem kwistjoni bħal dawk irregolati mill-artikolu 4(3) ta' l-Att XIV ta' l-1987 u insista għal riferenza, dik il-Qorti ripetutament affermat li ma kellhiex quddiemha kwistjoni għal dawk imsemmija. Ma qalitx lill-akkużat li kienet ser ittih żmien biex jagħmel il-kawża hu bħal fil-każ ta' Spagnol, anqas ma daħlet fl-aspett jekk il-kwistjoni mqajma mill-akkużat kinetx frivola jew vessatorja, iżda sempliċement qalet li quddiemha ma kellhiex xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropeja (Skeda A ta' l-Att XIV ta' l-1987). Għalhekk kienet qed teskludi *a priori* l-possibilità li tidħol fl-aspett tal-vessatorjetà u eventwalment li tagħmel riferenza lill-Prim'Awla skond l-istess artikolu 4(3) ta' l-Att imsemmi u minn dik id-deċiżjoni l-akkużat sempliċement ma kellu dritt ta' appell lill-ebda Qorti biex jimpunja unikament dak id-digriet. Ma setax jappella quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali għax tali appell hu eskluż mill-artikolu 415(1) tal-Kodiċi Kriminali fl-istadju li fiha kienet il-kawża kriminali kontra tiegħu u inoltre ma setax jitlob lill-Prim'Awla biex tordna lill-Maġistrat jiddeċidi l-kwistjoni billi l-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti *mhix estiża għall-kwistjonijiet bħal* dawn imma in materja ta' Drittijiet u Libertajiet Fundamentali

ta' l-Individwu hija limitata biex tiddeċidi hemmx ksur ta' dawk id-Drittijiet. L-akkużat, għalhekk, tpoġġa f'sitwazzjoni fejn kien qed jippretendi ksur tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tiegħu u ma kellux alternattiva ħlief li jipprova jottjeni rimedji billi jistitwixxi kawża hu. Dan jikkostitwixxi d-differenza fundamentali bejn il-każ ta' Spagnol u dan il-każ billi fil-każ preżenti l-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja aprioristikament eskludiet li kellha kwistjoni bħal dawk imsemmija fl-artikolu 4(3) ta' l-Att XIV ta'l-1987 x'tikkonsidra mentri fil-każ l-ieħor kemm il-Qorti kif ukoll l-akkużat kienu qed jiddikjaraw li kien hemm kwistjoni bħal dawk iżda flok segwew il-proċedura indikata b'dak l-artikolu adottaw proċedura oħra rregolari. Inoltre, mentri li fil-każ ta' Spagnol l-akkużat seta' liberament insista mal-Maġistrat biex tiġi segwita l-proċedura stabbilita fl-artikolu 4(3) ta' l-Att imsemmi, fil-każ preżenti l-akkużat mhux biss baqa' jinsisti bla suċċess mal-Maġistrat biex tiġi segwita dik il-proċedura, iżda dik il-qorti eskludiet il-possibilità ta' l-applikazzjoni ta' dak l-artikolu b'mod li ġabitu dahru mal-ħajt u bil-fors kellu jagħmel din il-kawża biex jittutela d-drittijiet li kien qed jippretendi;

L-ewwel konklużjoni li għalhekk tasal għaliha din il-Qorti hija li mhix fondata s-sottomissjoni ta' l-appellat li l-proċeduri odjerni huma nulli;

It-tieni konklużjoni hija li stabbilit li l-proċeduri odjerni m'humiex nulli u għalhekk, affermat id-dritt ta' l-appellant li jistitwixxi din il-kawża li wara kollox jagħtihulu l-artikolu 4(1) ta' l-Att XIV ta' l-1987, mhux il-każ li din il-Qorti tagħti xi rimedji fir-rigward ta' dan l-ewwel ilment ta' l-appellant billi fl-ewwel lok ir-rimedju tagħtihulu l-istess liġi billi tagħtih id-dritt jaġixxi hu għad-drittijiet tiegħu, rimedju li hu diġà approfitta

ruħu minnu. Fit-tieni lok għax ġaladarba diġà hemm din il-kawża regolarment istitwita skond il-proċedura, ikun kontro-sens li din il-Qorti tordna lill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja biex teżamina l-kwistjoni ssollevata quddiemha mill-akkużat skond l-artikolu 4(3) ta' l-Att XIV ta' l-1987;

Din il-qorti għalhekk, issa ser tgħaddi biex tikkonsidra t-tieni ilment ta' l-appellant;

Ikkunsidrat;

It-tieni ilment ta' l-appellant jikkonsisti fis-sottomissjoni li in kwantu l-Kodiċi Kriminali jista' jingħad li ma jippermettix l-għoti tal-libertà proviżorja f'ċirkostanzi bħal dawk tiegħu, allura dan jilledi d-dritt tiegħu għar-*"release pending trial"* u d-deċiżjoni appellata ddeċidiet ħażin dan l-ilment tiegħu. Id-drittijiet li qiegħed jallega li qed jiġu leżi huma dawk protetti mill-artikolu 5 sub-inċiż (1)(ċ), mill-artikolu 5 sub-inċiż (3) u mill-artikolu 6 sub-inċiż (1) ta' l-Iskeda A annessa ma' l-Att XIV ta' l-1987;

Fis-sentenza appellata diġà hemm ċitati l-artikoli 5(1)(ċ) u 5(3) ta' l-iskeda msemmija u għalhekk m'hemmx bżonn li jiġu ripetuti. L-artikolu 6(1) imbagħad jistabbilixxi d-dritt għal ġudizzju fi żmien raġonevoli. Fost ir-rimedji li l-appellant talab hemm id-dikjarazzjoni li l-artikoli 574 u 575 tal-Kodiċi Kriminali huma nulli in kwantu ma jippermettux lill-Qorti ġudikanti tagħtih il-libertà proviżorja fil-fattispeċji tal-każ;

F'dan ir-rigward l-appellant fir-rikors ta' l-appell tiegħu jissottometti li l-ewwel Onorabbli Qorti injorat kompletament l-argomenti tiegħu u bbażat kollox fuq il-konklużjoni tagħha li

d-dritt li tipprovdi l-Konvenzjoni dwar il-ħelsien mill-arrest huwa wieħed *alternattiv* fis-sens li l-akkużat jew irid jinħeles taħt garanzija jew inkella *jrid jingħata ġudizzju fi żmien raġonevoli*. Inoltre, jissottometti li din l-interpretazzjoni li dik il-Qorti tat lill-Konvenzjoni hija żbaljata billi l-akkużat taħt il-Konvenzjoni għandu dritt kemm għall-ħelsien proviżorju kif ukoll għal ġudizzju fi żmien raġonevoli. F'dan il-kuntest, skond l-appellant, sabiex id-detenzjoni tkun leġittima trid dejjem tkun skond l-eċċezzjonijiet fl-artikolu 5(1). Għalhekk *biex id-detenzjoni ta'* l-akkużat tkun leġittima fil-każ preżenti għandha tkun dejjem konformi *mas-sub-paragrafu* (ċ) ta' dak is-sub-artikolu u ċjoè trid tkun effettwata sabiex jiġi miġjub quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat *li jikkommetti reat jew jaħrab wara li tkun għamlet reat*. L-appellant ikompli jissottometti li huwa neċessarju li din il-kwalità tkompli tissussisti tul il-perijodu kollu ta' l-arrest u ma hiex xi kwalità li għandha tissussisti biss sakemm l-arrestat jiġi mressaq quddiem il-Qorti akkużat bid-delitt li jkun maħsub li huwa kkommetta. Għalhekk f'dan il-kuntest ma hemm ebda alternattiva. L-aternattiva *qiegħda* fil-paragrafu 5(3). Però, din l-alternattiva bl-ebda mod ma teżonera lill-awtoritajiet li tul il-perijodu kollu ta' l-arrest jaraw li dak l-arrest ikun raġonevolment *meħtieġ biex il-persuna akkużata tinġieb il-Qorti jew tiġi* miżmuma milli tinkwina l-provi. Issa skond l-appellant d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali jikkozzaw ma' dan għax bl-ebda mod ma jħallu lill-Qorti lil-liema ssir l-applikazzjoni għal-libertà proviżorja milli tikkonsidra jekk l-arrest jew il-kontinwat arrest ta' l-akkużat ikunx meħtieġ biex jassigura l-presenza tiegħu fil-Qorti u li l-akkużat ma jikwinax il-provi. Anzi, id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali jagħmlu l-arrest mandatorju fil-każ ta' l-akkużi li jġibu l-pieni kkontemplati f'dak il-Kodiċi. Għalhekk, għalkemm jista' ma jkunx qiegħed jiġi

vvjolat l-artikolu 5(3) ċertament ikun qed jiġi vvjolat l-artikolu 5(1)(ċ) billi l-Qorti ma tkunx qed tindirizza moħħha għall-affarijiet ikkontemplati f'dak is-sub-artikolu. Barra minn hekk l-appellant issottometta wkoll li l-Kodiċi Kriminali ma jipprovdix żmien raġonevoli f'liema ġurnata ssir il-proċedura Kriminali u dan billi ma hemm l-ebda terminu finali li ma jista' bl-ebda mod jiġi maqbuż mill-Eżekuttiv bħal ma hemm f'pajjiżi oħra;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti, minn eżami akkurat tas-sentenza appellata, hi tal-fehma li għalkemm l-appellant mhux korrett fl-affermazzjoni tiegħu li l-argomenti tiegħu ġew injorati mill-ewwel Onorabbli Qorti, fl-istess ħin hija valida s-sottomissjoni tiegħu li dik il-Qorti bbażat kollox fuq konsiderazzjoni waħda u li din il-konsiderazzjoni ma kinetx tali li setgħet tiddetermina l-kwistjonijiet kollha involuti f'din il-kawża;

Infatti din il-Qorti tafferma mill-ewwel li r-raġonament ta' l-ewwel Onorabbli Qorti meta kkonfrontat mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u mad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropeja dwar l-istess Drittijiet huwa fallaċi u dan speċjalment meta affermat li r-rekwiżiti ta' proċeduri fi żmien raġonevoli u ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri huma taħt il-Konvenzjoni alternattivi għal xulxin għar-rigward ta' l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni;

Din il-Qorti tibda biex tirrepeti dak li qalet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fin-*Neumeister Case* (1 EHRR91) u ċjoè illi:

*"The Court is of the opinion that this provision cannot be*

*understood as giving the judicial authorities a choice between either bringing the accused to trial within a reasonable time or granting him provisional release even subject to guarantee. The reasonableness of time spent by an accused person in detention up to the beginning of the trial must be assessed in relation to the very fact of his detention. Until conviction he must be presumed innocent, and the purpose of the provision under consideration is essentially to require his provisional release once his continuing detention ceases to be reasonable'';*

Fil-''*Wemhoff Case*'' (1 EHRR55) l-istess Qorti filwaqt li rribadiet li l-artikolu 5(3) ma jistax jiftiehem bħala li joffri lill-awtorità ġudizzjarja alternattiva qalet illi: ''*The Court is quite certain that such an interpretation would not conform to the intention of the High Contracting Parties. It is inconceivable that they should have intended to permit their judicial authorities, at the price of the release of the accused, to protract proceedings beyond a reasonable time. This would, moreover, be flatly contrary to the provisions in article 6(1) cited above*'';

Ma' dawn is-sentenzi jistgħu jiżdiedu wkoll dawk mogħtija fil-*Matznetter Case* u fl-*Stogmuller Case* deċiżi t-tnejn mill-imsemmija Qorti fl-10 ta' Novembru, 1969 fejn l-istess prinċipji jinsabu ribaditi;

Fil-fatt il-posizzjoni kif temerġi taħt il-Konvenzjoni u skond kif interpretata mill-Onorabbli Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija kristallizzata bl-iktar mod ċar mill-Jacobs fil-ktieb tiegħu ''*The Convention of Human Rights*'' (1975) fil-parti intitolata ''*The Rights Guaranteed*'' fir-rigward ta' l-artikolu 5(3) (paġna 66) fejn jgħid:

*"The conclusion therefore must be that a person detained on remand has the right not be detained beyond a reasonable time; and this involves a) the right to be released if there cease to be adequate grounds for his detention; b) if he is not released, the right to be brought to trial within a reasonable time";*

Minn dan jirriżulta li s-sottomissjoni ta' l-appellant fir-rigward ta' l-artikolu 5(3) tikkorrispondi mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Fil-fehma tal-Qorti s-sottomissjoni l-oħra ta' l-appellant fir-rigward ta' l-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni wkoll hija korretta legalment;

Infatti, l-artikolu 5(1) wara li jistabbilixxi l-prinċipju li "kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna" u li ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà tiegħu jelenka numru ta' eċċezzjonijiet fejn persuna tista' tiġi pprivata mil-libertà tagħha u fosthom il-paragrafu (ċ) jippermetti l-arrest jew id-detenzjoni skond il-liġi ta' persuna effetwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkomettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat";

Brevement, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem huma fis-sens li ġej u ċjoè;

1) *"Where a person is arrested on the ground of the existence of "reasonable suspicion" that he "has committed an offence", the persistence of such a suspicion is a necessary condition for the validity of his continuing detention but ceases*

*to become a sufficient condition after a certain time"* (Sieghart: *"The International Law of Human Rights"* (1983) p. 147 li jagħmel riferenza għall-każijiet Stogmuller (1 EHRR155) u Schertenleib, (DR17, 180); Jacobs, *Op cit*, p. 66);

2) *"If the only remaining reason for continued detention is the fear that the accused will abscond and thereby subsequently avoid appearing for trial, his release pending trial must be ordered it is possible to obtain from him guarantees that will ensure such appearance* (Sieghart: *op. cit.* p. 155 b'riferenza għall-Wemhoff *vs* F.R.G. (1 EHRR55);

3) *"The risk of a further offence was held in the Metznetter Case to be a reason compatible with article 5(3) "in the special circumstances of the case". But, if it was capable of justifying detention the question had still to be answered whether it did in fact"*; (Jacobs: *op. cit.* p. 67)";

4) *"So far as the grounds of detention are concerned, a literal interpretation of article 5(1)(c) and article 5(3) would seem to authorise indefinite detention on remand merely on the ground that justified initial arrest i.e. in the the usual case, suspicion of having committed an offence. Further, the only limitation on the period of such detention would be the requirement that the detained person be brought to trial "within a reasonable time"*;

*"Such an interpretation is unacceptable and has rightly been rejected by the Court in a succession of cases. The Court has stated in effect, that the continuing detention must be justified, so long as it lasts, by adequate grounds; and that independently of those grounds, its period must also not exceed a reasonable time* (Jacob: *op. cit.* p. 64);

Fir-rigward ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni din il-Qorti ser tillimita ruħha biex tgħid li dan is-sub-artikolu *"applies to proceedings involving the determination of a "criminal charge"* u li *"the object of article 6 is to protect a person throughout the criminal process"* (Jacobs: *op. cit.* p. 83);

Stabbilit dan kollu din il-Qorti issa ser tgħaddi biex teżmaina jekk l-artikoli 574 u 575 tal-Kodiċi Kriminali jivvjolawx l-artikoli 5(1)(ċ), 5(3) u 6(1) tal-Konvenzjoni;

Għal raġunijiet ta' prattiċità u anke minħabba li dawn iż-żewġ artikoli huma intimament konnessi din il-Qorti ser tikkonsidrahom flimkien;

Ikkunsidrat għalhekk:

Illi l-ewwel sub-artikolu ta' l-artikolu 574 tal-Kodiċi Kriminali jistabbilixxi l-prinċipji tal-ħelsien mill-arrest bil-garanzija billi jipprovdi li "lill-imputat li jkun arrestat għal delitt jew għal kontravvenzjoni, jista', b'talba tiegħu, jiġi mogħti l-ħelsien mill-arrest, meta huwa jagħti garanzija tajba li jidher għal kull att tal-proċess fiż-żmien u fil-post li jiġi lilu ordnati";

Is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 575 ta' l-istess Kodiċi, però, jistabbilixxi ċerti delitti li għalihom ma jingħatax ħelsien mill-arrest billi jipprovdi li "l-ħelsien mill-arrest ma jistax jiġi mogħti a) lill-imputat ta' delitt kontra s-sigurtà tal-Gvern; b) lill-imputat ta' delitt suġġett għal piena ta' priġunerija għal għomorhom";

L-istess restrizzjoni kkrejata mis-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali, però hija bla ħsara tad-disposizzjonijiet tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 574 ta' l-istess

Kodiċi;

Bit-tieni (2) sub-artikolu ta' l-artikolu 574 tal-Kodiċi Kriminali "Il-President ta' Malta jista' wkoll f'każijiet speċjali, jagħti l-ħelsien mill-arrest lill-imputat li jkun arrestat għal delitt jew kontravenzjoni, taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-President ta' Malta jkun jidhirlu sewwa li jagħmel. L-imputat li jonqos li jħares xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet jista' jerġa' jiġi arresta minnufih";

Is-sub-artikolu (2), (3) u (4) ta' l-artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali m'għandhomx rilevanza għall-kwistjoni in eżami;

Issa fuq il-bażi ta' dak li ngħad in materja ta' liġi, hu ovvju fil-fehma ta' din il-Qorti li l-artikolu 574 tal-Kodiċi Kriminali taħt ebda aspett ma jista' jiġi kkunsidrat bħala li jivvjola l-artikoli tal-Konvenzjoni indikati mill-appellant. Is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 574 ma jivvjolax għax anzi jistabbilixxi l-prinċipju ġenerali li għandu jkun hemm ħelsien mill-arrest bil-garanzija. Is-sub-artikolu (2) ma jivvjolax għax anzi jipprovdi għal possibilità ta' ħelsien mill-arrest mill-President ta' Malta;

*Jibqa' għalhekk s-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu* 575 tal-Kodiċi Kriminali li fuqu din il-Qorti m'għandhiex ħafna xi tgħid billi hi tal-fehma li l-posizzjoni legali hi waħda li ma tippreżentax diffikultajiet speċjali;

Ikkunsidrat għalhekk fuq dan is-sub-artikolu;

Illi minn eżami ta' l-esposizzjoni legali li din il-Qorti diġà għamlet fir-rigward ta' l-artikolu 5(1)(ċ), 5(3) u 6(1) tal-Konvenzjoni jemerġi ċar li kif jgħid il-Jacobs: *op. cit.* p. 72 "*The*

*authorities do not have a choice between bringing the accused to trial within a reasonable time and releasing him on bail. Release, if necessary on bail, will often be obligatory''* u biex persuna tibqa' arrestata fiċ-ċirkostanzi ta' l-artikolu 5(1)(ċ) l-eċċezzjonijiet hemm stabbiliti jridu mhux biss ikunu għadhom jissussistu iżda wkoll jekk il-proċess ma jiġix konkjuż fi żmien raġonevoli għax jekk le l-ħelsien mill-arrest isir neċessarju u obbligatorju;

Hu ovvju li d-disposizzjoni statutorja bħal dik kontenuta fl-artikolu 575(1) tal-Kodiċi Kriminali tmur oltre l-eċċezzjonijiet previsti bl-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni billi tagħmilha obbligatorja fuq il-Qorti li anke jekk jispiċċa s-suspett raġonevoli msemmi f'dak is-sub-artikolu u anki jekk ma jkunx hemm perikolu li l-arrestat jikkommetti xi reat jew li jaħrab jew li ma jidhirx il-Qorti meta ordnat u anki jekk ma jkunx hemm perikolu li jista' jinkwina l-provi u anki jekk il-proċess Kriminali jitwal b'mod li l-imputat ċertament ma jkunx ser ikollu ġudizzju fi żmien raġonevoli li, xorta waħda l-Qorti ma tistax tordna l-ħelsien mill-arrest b'garanzija;

Din l-imposizzjoni tal-liġi fil-fehma ta' din il-Qorti hija għalhekk manifestament mhux konformi ma' l-artikolu 5(1)(ċ), 5(3) tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti però mhix tal-fehma li l-artikolu 575(1) jikkozza ma' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni peress li bħala tali l-kwistjoni ta' ġudizzju fi żmien raġonevoli hija rregolata mill-Kodiċi Kriminali mhux bl-artikolu 575(1) iżda b'diversi artikoli oħra u għalhekk *''ut sic''* l-artikolu 575(1) ma jista' qatt jiġi kkonfrontat ma' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

L-appellant issottometta illi peress li l-Kodiċi Kriminali ma jistabbilixxi ebda terminu fiss sa liema l-proċess Kriminali jrid

jintemm allura l-istess Kodiċi Kriminali ma jipprovdix żmien raġonevoli fis-sens tal-Konvenzjoni. Illi effettivament kif anke hemm spjegat fis-sentenza appellata l-Kodiċi Kriminali jipprovdi proċedura u l-makkinarju u strutturi legali neċessarji biex il-proċess kriminali jimxi b'ċerta speditezza u dan hu suffiċjenti għall-fini tal-Konvenzjoni. S'intendi, m'hemm ebda garanzija li kull ġudizzju jintemm fi żmien raġonevoli u għalhekk kull każ, *f'dan il-kuntest, għandu l-fattispeċji tiegħu u l-kwistjoni tista'* tqum jekk l-imputat partikolari jkun għadu taħt arrest kif ukoll jekk ma jkunx. Dan billi d-dritt għall-ġudizzju fi żmien raġonevoli joħroġ kemm mill-artikolu 5(3) kif ukoll mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. *Jiżdied* biss li l-artikolu 5(3) *jimponi 'standards'* aktar mis-sub-artikolu 6(1) stanti li fl-ewwel każ ikun għad hemm l-arrest. Però, l-ilment ta' l-appellant f'dan ir-rigward, u ċjoè li l-Kodiċi Kriminali ma jipprovdix għal ġudizzju *fi żmien raġonevoli* u għalhekk mhux skond il-Konvenzjoni hu infondat u għalhekk ma jistax jiġi akkolt;

L-appellant ilmenta wkoll li in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja nnegatlu l-libertà proviżorja fuq il-bażi ta' l-artikolu 575(1) tal-Kodiċi Kriminali b'daqshekk illedietlu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tiegħu msemmija;

Din il-Qorti tosserva però li dik il-Qorti meta bid-digriet tagħha ċaħdietlu l-libertà proviżorja kienet qed tapplika l-liġi kif inhi u ċjoè qabel ma kien ġie ddikjarat li l-imsemmi artikolu 575(1) jmur kontra l-Konvenzjoni u intant irriservat li tirrivedi l-posizzjoni jekk u meta jkun hemm pronunzjament fuq dak is-sub-artikolu. Għalhekk *ma jistax jingħad* li dik il-Qorti lledietlu d-drittijiet imsemmija billi l-provvediment fuq il-legalità ta' l-artikolu 575(1) tal-Kodiċi Kriminali qed issir issa;

Ikkunsidrat:

Illi ilment ieħor ta' l-appellant huwa fis-sens li fi kwalunkwe każ il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja lledietlu d-drittijiet u libertajiet fundamentali tiegħu billi ma kellhiex tapplika l-artikolu 575(1) tal-Kodiċi Kriminali għax bil-Proklama ta' l-E.T. l-President ta' Malta tad-29 ta' Jannar, 1987 hu ma seta' qatt ikun suġġett għall-piena tal-priġunerija għal għomru;

Anki dan l-ilment però mhux sostnut għaliex hu ovvju mill-kliem tal-paragrafu (b) ta' l-imsemmija Proklama speċjalment mill-kliem "il-piena applikabbli", li għall-fini ta' l-artikolu 575(1) dik il-Qorti kellha tieħu akkont mhux il-piena kif eventwalment tista' tiġi ridotta iżda l-piena applikabbli. Għalhekk anke dan l-ilment ta' l-appellant hu infondat;

L-aħħar ilment ta' l-appellant hu fis-sens li llum il-proċeduri tħallew għal żmien irraġonevoli u b'hekk ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu għal-libertà;

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja din il-kwistjoni bħala tali qatt ma kienet in eżami peress li kien hemm qbil li f'dak l-istadju ma kienx hemm ilment f'das-sens. Meta sar ir-rikors promotorju ta' dan il-ġudizzju l-appellant qajjem dan il-punt u fit-trattazzjoni sostnih;

Din il-Qorti però tara li dan il-punt, issa li ser jiġi deċiż li l-artikolu 575(1) tal-Kodiċi Kriminali mhux konformi mal-Konvenzjoni, għandu l-ewwel jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja jew il-Qorti Kriminali skond f'liema stadju wasal il-proċess kriminali li huma vestiti mil-liġi bil-

funzjoni li jagħtu jew ma jagħtux il-libertà proviżorja u anki biex ħadd ma jiġi pprivat mid-dritt li din il-kwistjoni tiġi deċiża bil-proċedura stabbilita. Infatti din il-kwistjoni tista' tqum biss jekk il-Qorti ta' ġurisdizzjoni Kriminali ma tagħtix lill-appellant il-libertà proviżorja u l-ewwel Qorti li jkollha ġurisdizzjoni tidħol fil-kwistjoni *tkun il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u mhux din* il-Qorti;

Għal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, prevja li tirrespinġi l-eċċezzjoni tan-nullità tal-proċeduri ssollevata mill-intimat appellat bl-ispejjeż kontra tiegħu, tiddisponi mill-appell tar-rikorrent Dr. Lawrence Pullicino billi:

1) tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju lill-Kap Kmandat tal-Forzi Armati bħala Kummissarju tal-Pulizija u l-Viċi Prim Ministru bħala Ministru ta' l-Intern;

2) tiddikjara li l-ilment ta' l-appellant li l-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta naqset li tiddeċidi jekk tagħmilx riferenza jew le tal-kwistjoni ssollevata lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili huwa ġġustifikat;

3) tiddikjara li l-aggravju ta' l-appellant li l-artikolu 574 tal-Kodiċi Kriminali huwa inkonsistenti ma' l-artikolu 5(1)(ċ), 5(3) u 6(1) ta' l-Ewwel Skeda annessa ma' l-Att XIV ta' l-1987 huwa infondat;

4) tiddikjara li l-aggravju tiegħu li l-artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali huwa inkonsistenti ma' l-imsemmija artikoli ta' l-imsemmija skeda huwa infondat kwantu jirrigwarda s-sub-artikoli (2), (3), u (4) ta' l-istess artikolu 575 iżda fondat għar-

raġunijiet premessi in kwantu jirrigwarda s-sub-artikolu 575 iżda fondat għar-raġunijiet premessi in kwantu jirrigwarda s-sub-artikolu (1) ta' l-istess artikolu 575 limitatament però fir-rigward ta' l-artikoli 5(1)(ċ) u 5(3) ta' l-imsemmija skeda iżda mhux inkonsistenti ma' l-artikolu 6(1) ta' l-istess skeda;

5) tiddikjara illi l-aggravju ta' l-appellant li in kwantu l-Kodiċi Kriminali ma jistabbilixxi ebda terminu fiss sa liema l-proċess kriminali jrid jintemm huwa inkonsistenti ma' l-artikolu 5(1)(ċ), 5(3) u 6(1) ta' l-imsemmija skeda billi ma jipprovdix għall-ġudizzju fi żmien raġonevoli huwa għar-raġunijiet premessi infondat;

6) tiddikjara li l-aggravju ta' l-appellant li l-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta lledietlu d-drittijiet u libertajiet fundamentali tiegħu billi ma kellhiex tapplika l-artikolu 575(1) tal-Kodiċi Kriminali għax bil-Proklama ta' l-E.T. il-President ta' Malta tad-29 ta' Jannar, 1987 hu ma seta' qatt ikun soġġett għall-piena tal-priġunerija għal għomru huwa wkoll għar-raġunijiet premessi infondat;

7) tiddeċidi li l-kwistjoni jekk illum il-proċeduri kriminali kontra l-appellant twalux oltre ż-żmien raġonevoli msemmi fl-artikoli 5(3) u 6(1) ta' l-iskeda msemmija għandha għar-raġunijiet fuq imsemmija tiġi l-ewwel deċiża mill-Qorti Kompetenti fid-dawl ta' dak li ngħad hawn fuq;

F'dan is-sens għalhekk tirriforma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell salvi dawk ġà deċiżi kif ukoll l-ispejjeż ta' prim istanza jibqgħu bla taxxa lejn il-partijiet stante ċ-ċirkostanzi u komplessità legali involuti f'dan il-każ.